**27 ta' Jannar, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Salvatore Grech

*versus*

Carmelo sive Charles Bennetti et.

**Logħob — Ripetizzjoni ta' Flus Imħallsa b'Qerq — Obligazzjoni Naturali — Preskrizzjoni —Art. 1064, 1190, u 1024 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Fil-ġurisprudenza tagħna ġiet ammessa l-obligazzjoni naturali għar-rigward tal-imħatra, u għalhekk ma jidherx li jista' jkun hemm raġuni biex ma tkunx ammessa anki f'każ ta' logħob projbit mil-liġi. Il-leġislatur, mbagħad, jirrikonoxxi l-figura tal-obligazzjoni naturali, u saħansitra jirregola l-effetti tagħha, billi jiddisponi illi ma hemmx jedd ta' azzjoni għal ħlas lura jekk dak li tħallas kellu jingħata bis-saħħa ta' obligazzjoni naturali; għalhekk, il-karatteristiċi ta' din ix-xorta ta' obligazzjoni huma l-karenza ta' azzjoni ("non parit actionem") u l-eċċezzjoni tas-"soluti retentio".*

*Iżda, biex ikun hemm dan l-effett, jeħtieġ li l-pagament ikun sar b'effett ta' att ġuridikament validu; b'mod illi l-irrepetibbilità tal-pagament tippresupponi illi l-logħob ikun ġenwin u mingħajr qerq.*

*Kwindi, qabel ma jista' jingħad jekk l-azzjoni għar-ripetizzjoni ta' flus imħallsa fuq il-logħob hijiex kolpita bil-preskrizzjoni ta' xahrejn kontemplata mil-liġi, jeħtieġ wieħed jara jekk kienx hemm qerq fil-logħob; billi, jekk kien hemm dan il-qerq, l-azzjoni mhix perenta bid-dekorriment ta' xahrejn — liema prova trid però ssir minn min jallega l-qerq.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenuti ħadu lill-instanti b'ingann fuq il-logħob is-somma ta' £340; u illi l-konvenuti, interpellati uffiċjalment, naqsu li jirrestitwulu din is-somma; talab li l-konvenuti jkunu kundannati solidalment iħallsu lill-instanti l-imsemmija somma ta' £340, in restituzzjoni ta' ammont ugwali li huma ottenew minn għandu b'ingann. Bl-imgħax legali minn notifika ta' din iċ-ċitazzjoni, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-28 ta' April 1959, kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-eċċepita perenzjoni tal-azzjoni;

Illi l-kontestazzjoni s'issa bejn il-kontendenti tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-art. 1810 tal-Kodiċi Ċivili; fis-sens illi, mentri l-konvenuti jippretendu illi x-xahrejn hemm preskritti jolqtu kull azzjoni għar-restituzzjoni ta' flus mitlufa fil-logħob, l-attur jgħid li dak iż-żmien mhux applikab-b'li f'każi, bħal dak attwali, fejn it-telf kien l-effett tal-ingann mill-parti tar-rebbieħ;

Illi għas-soluzzjoni ta' dan il-punt jeħtieġ jiġi eżaminat jekk mil-logħob titwieledx xi obligazzjoni;

Taħt id-Dritt Ruman, it-tellief ma kellu ebda azzjoni, minħabba li l-obligazzjoni kienet kontra l-liġi; iżda fost il-moderni, il-maġġuranza tippropendi biex tirrikonoxxi l-obligazzjoni naturali, b'mod li min ikun ħallas ma jistgħax

jitlob lura l-pagament, minħabba l-eċċezzjoni tas-"soluti retentio" favur min ikun irċevieh;

Fil-ġurisprudenza tagħna ġiet ammessa l-obligazzjoni naturali għar-rigward tal-imħatra (Kollez. XIII, 9), u għalhekk ma jidherx li jista' jkun hemm raġuni biex ma tkunx ammessa anki f'każ ta' logħob projbit mil-liġi. Ma hemmx, mbagħad, dubju li l-leġislatur tagħna jirrikonoxxi l-figura tal-obligazzjoni naturali (art. 1064 Kod. Ċiv.), u saħansitra jirregola l-effetti tagħha fl-art. 1190 tal-istess Kodiċi, billi jiddisponi illi "ma hemmx jedd ta' azzjoni għall-ħlas lura, jekk dak li tħallas kellu jingħata bis-saħħa ta' obligazzjoni naturali". Għalhekk, il-karatteristiċi ta' din ix-xorta ta' obligazzjoni huma l-karenza tal-azzjoni ("non parit actionem") u l-eċċezzjoni tas-"soluti retentio" ("sed exceptionem");

Iżda, biex ikun hemm dan l-effett, jeħtieġ, kif josserva Giuseppe Prola, "che l'adempimento sia avvenuto a mezzo di un atto avente le condizioni necessarie per la sua esistenza giuridica e per la sua validità. Epperò dacchè l'obligazione naturale non dà diritto di ripetere ciò che è stato pagato, non ne segue che colui il quale abbia compiuto un atto che come pagamento sia giuridicamente inesistente o nullo, non abbia diritto di impugnare l'atto stesso; il diritto d'impugnativa esiste, e il suo esercizio produce gli effetti ordinari che dall'esercizio del diritto d'impugnativa vengono prodotti, compreso quello di ripetere ciò che è stato pagato. E siccome nullo è l'atto che sia affetto da errore, violenza o dolo, così, quando per errore, violenza o dolo, aventi i requisiti dalla legge voluti per essere considerati come vizi producenti la nullità dell'atto, avviene il pagamento, l'atto di pagamento è impugnabile; ed una volta che viene annullato, ciò che è stato pagato può essere ripetuto" (Digesto Italiano, Obbligazioni (Diritto Civile, § 175). B'applikazzjoni ta' dan il-prinċipju għall-każ tal-logħob projbit mill-liġi, l-istess awtur josserva:— "Il-pagamento di un'obbligazione naturale per giuoco o scommessa può essere ripetuto, quando è inefficace. E inefficace può essere per due diverse ragioni: in primo luogo per l'inesistenza dell'obbligazione relativa; ed in secondo luogo, per un vizio direttamente afficiente il pa-

gamento stesso . . . . estorto con violenza o carpito con dolo" (Op. ċit., § 48);

Illi minn dan jidher li l-irrepetibbilità tal-pagament tippresupponi illi l-logħob ikun ġenwin u mingħajr qerq; diversament, peress li l-qerq ma hu qatt protet mil-liġi, il-ħlas li jkun sar ikun jista' jiġi mpunjat; u f'każ ta' suċċess, il-ħlas ikollu jitreġġa lura skond il-prinċipji ġenerali. F'dan ir-rigward ma kienx hemm bżonn, f'materja ta' logħob, li jkun hemm dispożizzjoni "ad hoc"; għaliex ġa fl-art. 1024 (1) tal-Kodiċi ċitat kien jinsab dispost illi l-għemil dolus huwa motiv ta' nullità;

Illi ma jistgħax jingħad li l-liġi taljana, f'każ ta' logħob, teċċettwa espressament il-każ ta' ħlas li jkun sar b'qerq jew frodi; għaliex, apparti li ma hemmx motiv ġuridiku biex tissottraji l-logħob mill-prinċipji ġenerali applikabbli f'każi ta' qerq jew frodi, kull interpretazzjoni oħra tiġi twassal għall-konsegwenza li l-liġi tagħna tipproteġi l-għemil dolus f'każ ta' logħob, mentri kkundannatu fil-każi l-oħra kollha. Di pjù, din l-interpretazzjoni tiġi tirrendi l-liġi tagħna aktar rigoruża mil-liġi taljana, mentri fil-fatt hija aktar beninja, peress li a differenza tal-liġi taljana, tammetti r-ripetizzjoni fi żmien xahrejn mill-ħlas;

Illi, għal dawn il-konsiderazzjonijiet, qabel ma ssir il-prova tal-ingann allegat mill-attur, u lilu nkombenti skond il-liġi (art. 1024(2) Kod. Ċiv.), ma jistgħax jingħad jekk tirrikorrix jew le l-eċċepita karenza tal-azzjoni;

Għal dawn il-motivi;

Tordna lill-attur li għas-seduta li ġejja jġib il-provi meħtieġa tal-ingann kommess mill-konvenuti, u li minħabba fih hu ħallas lilhom l-ammont in kwistjoni;

U tħalli l-kawża għal dan l-oġġett għall-udjenza tas-6 ta' Marzu 1961;

L-ispejjeż jibqgħu riżervati għad-deċiżjoni finali.